# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. ROBERT G. MANGION

## ILLUM, IL-25 TA' APRIL 2022

**Fl-atti tar-rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni nru 365/2022**

**Fl-ismijiet:-**

**Jeremy Muscat**

**Vs.**

**Alfreda magħrufa bħala Alfrida jew Frida Pace; u kuraturi deputati in rappreżentanza tal-eredita' ġjaċenti tal-mejjet Emanuel Pace u b'digriet tal-4 ta' April 2022 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Margaret Mangion u Christine O'Dwyer stante l-mewt ukoll ta' Alfreda Pace.**

**Il-Qorti,**

Dan huwa digriet finali dwar talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ai termini tal-**artikolu 873 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

**Introduzzjoni**

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-15 ta' Marzu 2022 Jeremy Muscat qed jitlob għar-raġunijiet hemm mogħtija, li l-Qorti iżżomm lill-intimati milli jbiegħu, ineħħu, jitrasferixxu jew jiddisponu inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu "il-fond urban ossija l-garaxx ossija maħżen ('store') fil-livell tat-triq, mingħajr numru uffiċjali iżda mhux uffiċċjalment immarkat bin-numru tlieta (3) u denominat bħala 'Salvation Garage' b'faċċata u aċċess minn Triq is-Sarġ (ġja triq ġdida fi Triq Santa Venera) u illi jibqa' sejjer sa Triq Kalċidon Schembri ...."

B'digriet tal-15 ta' Marzu 2022 il-Qorti laqgħet provviżorjament it-talba ai termini tal-Arikolu 875 tal-Kap 12 u appuntat ir-rikors għas-smiegħ għall-4 ta' April 2022.

B'rikors tal-1 ta' April 2022 Margaret Mangion u Christine O'Dwyer talbu li jiġu estromessi l-kuraturi deputati għan-nom tal-eredita' ġjaċenti tal-mejjet Emanuel Pace; u talbu wkoll li jassumu l-atti minflok l-intimati Pace stante li kienu t-tnejn deċeduti u huma kienu l-preżunti eredi tagħhom.

B'digriet mogħti fl-udjenza tal-4 ta' April 2022 il-Qorti ordnat it-trasfużżjoni tal-ġudizzju f'isem Margaret Mangion u Christine O'Dwyer minflok Alfreda u Emanuel Pace u ordnat l-emenda relativa fl-okkju ta' dawn il-proċeduri.

Fl-istess udjenza tal-4 ta' April 2022 l-intimati Mangion u O'Dwyer taw ruħhom b'notifikati bir-rikors promotur u ingħataw terminu sabiex jippreżentaw ir-risposta tagħhom.

B'risposta tal-11 ta' April 2022 l-intimati Margaret Mangion u Christine O'Dwyer, għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed jopponu għar-rikors promotur.

Fl-udjenza tat-12 ta' April 2022 L-avukati tal-partijiet għamlu t-trattazzjoni finali tagħhom u r-rikors tħalla għal digriet kamerali.

Ikkonsidrat;

**Fatti in breve**.

Permezz ta' konvenju tal-**15 ta' Frar 2020** Alfreda u Emanuel konjuġi Pace dehru fuq konvenju ma' ċertu Peter Borg u Timothy Musact li permezz tiegħu intrabtu illi jbiegħu lilhom il-garaxx/maħżen de quo għall-prezz u bil-pattijiet hemm stipulati.

Fuq dan il-konvenju ġie pattwit fost l-oħrajn illi Borg u Muscat kellhom id-dritt li jċedu u/jew jassenjaw lil terzi id-drittijiet tagħhom naxxenti minn dak il-konvenju.

Il-konvenju kien validu sal-**15 ta' Frar 2022** u ġie reġistrat mal-awtorita' kompetenti.[1]

Fit-**23 ta' Awissu 2021** saret skrittura li permezz tagħha ġie pattwit li Timothy Muscat ċeda d-drittijiet kollha tiegħu naxxenti mill-konvenju de quo lil Peter Borg fejn jingħad li ċ-ċessjoni kienet qed issir mingħajr l-ebda

[1] Paġna 14 tal-proċess.

korrispettiv. Tali ċessjoni ġiet reġistrata mal-awtorita' kompetenti (ref. 29271/21)[2]

Fit-**2 ta' Frar 2022**, saret skrittura li permezz tagħha jingħad li Peter Borg qed iċedi a favur ir-rikorrent Jeremy Muscat id-drittijiet kollha tiegħu naxxenti mill-konvenju de quo, liema ċessjoni saret mingħajr l-ebda korrispettiv ħlief rimbors tad-depożitu akkont li kien tħallas fuq il-konvenju.

Fl-14 ta' Frar 2022 Jeremy Muscat ippreżenta ittra uffiċjali kontra Alfreda Pace u kontra kuraturi deputati għall-eredita' ġjaċenti ta' Emanuel Pace, li sadanittant kien ġie nieqes, jinterpellhom sabiex jaddivjenu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-bejgħ tal-garaxx de quo.

Fil-15 ta' Marzu 2022 Jeremy Muscat intavola l-kawża fil-mertu u kontestwalment intavola wkoll ir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni mertu ta' dan id-digriet finali.

Ikkonsidrat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

**L-Elementi Meħtieġa għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni.**

Sabiex jinħareg dan it-tip ta' mandat jeħtieġ qabel xejn li l-Qorti issib li ġew sodisfatti r-rekwiziti kollha li tirrikjedi l-ligi, speċifikament dawk indikati taħt l-**Artikolu 873 tal-Kap. 12** li jipprovdi:

**"1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.**

[2] Paġna 19 tal-proċess

**2) Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."**

Jeħtieġ għalhekk li jigu sodisfatti żewg rekwiżiti sabiex ir-rikorrent ikun jistħoqqlu jikseb il-ħrug tal-mandat ta' inibizzjoni:

(a) irid juri li l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu jeddijiet li jippretendi li għandu, u

(b) jkun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*), dawk il-jeddijiet.

**Fumus Boni Iuris; Periculum in Mora**.

F'sistemi legali diversi, inkluz dik nostrana, talbiet għall-ordnijiet bħax-xorta ta' mandat ta' inibizzjoni jiġu akkolti jekk jirriżulta fi proċedura sommarja "a credible claim", l-hekk imsejjaħ "fumus boni iuris". Il-**Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem** f'sentenza mogħtija fit-2 ta' Diċembru 2014 fl-ismiijet **"Maria Carmela Maniscalco vs l-Italja"**[3]**,** liema sentenza kienet titratta ordni kawtelatorju maħruġ mill-Qorti Taljan, iddefinit il-frażi "fumus boni iuris" bħala "presumption of sufficient legal basis".

Il-liġi tagħna tuża l-frażi "jidher, mad-daqqa t'għajn". Bil-kliem "mad-daqqa t'għajn" wieħed jifhem illi l-ġudikant hu tenut li jqis dak li jirriżulta *prima*

[3] Applikazzjoni nru. 19440/10

*facie* u mhux wara xi indaġini approfondita bħalma jsir matul kawża fil-mertu. Filwaqt li l-frażi "jidher" għandha tinftiehem illi l-jedd pretiż, għalkemm mhux ċert li hu fondat, għandu almenu jitqies li għandu l-potenzjal li jiġi rikonoxxut f'kawża fil-mertu, a kuntrarju ta' ċirkostanza fejn mad-daqqa t'għajn tali pretensjoni tidher mill-ewwel li ma hiex fondata.

Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva li ma tiddependiex mid-diskrezzjoni tal-ġudikant. Ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawża **Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfrè** li *'huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant. Jew il-jeddijiet jidhru prima facie, ma' l-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat.'*

Bl-użu tal-kelma 'u' fit-tieni sub-artikolu tal-Artikolu 873, il-leġislatur ried li ż-żewġ elementi ikunu kumulattivi u mhux alternattivi. B'dan ifisser għalhekk illi jekk wieħed minn dawn iż-żewġ elementi jkun nieqes, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni.

Tajjeb jingħad ukoll li l-proċedura tal-mandat huwa wieħed sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smiegħ tal-kawża dwar l-istess jedd, huwa għalhekk li r-rikorrenti trid turi mad-daqqa t'għajn li hija għandha jedd pretiż.

Intqal ukoll illi "… l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta'

Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

…

l-liġi tħares il-"jedd" prima facie bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Wieħed irid jagħraf li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Tagħraf ukoll li jrid ikun jedd li jidher mad-daqqa t'għajn u mhux irid jinstab wara tiftix ta' ċirkostanzi li jitolbu stħarriġ b'reqqa ta' provi jew interpretazzjoni lil hinn minn dak li jidher;"("**Malta Union of Teachers vs The University of Malta Academic Staff Association (U.M.A.S.A.) et**." (Rik. Inib. 1066/20) PA - 25.09.2020);

Ġie ritenut ukoll illi "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħil *(arm twisting)* lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din." [Ara sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr John Gauci *vs.* Direttur tal-Kuntratti**, P.A., 18.07.2008].

Għandu jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-mandat ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jezistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-mandat tara jekk il-jedd pretiz huwiex suxxettibbli għal success fl-azzjoni fil-mertu, izda biss jekk il-jedd pretiz jikkwalifikax bħala tali għall-finijiet oggettivi tal-ligi.

Mhux biżżejjed li r-rikorrent juri li *prima facie* għandu l-jeddijiet minnu pretiżi izda wkoll li l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni huwa meħtieġ sabeix jitħarsu dawk il-jeddijiet; l-hekk imsejjah "*periculum in mora*". Fi kliem ieħor jeħtieġ li r-rikorrent juri wkoll illi:

1. Dik il-ħaġa li r-rikorrent qed jitlob li tinżamm milli ssir "tista' tkun ta' preġudizzju" għal min jagħmel ir-rikors; u

2. Li l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent.

Il-kelma "tista'" turi illi r-rikorrent ma jeħtiġlux jipprova b'ċertezza li ser isofri preġudizzju. Il-prova sal-livell ta' possibilta' hija suffiċjenti fl-istadju ta' rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.

Ġie ritenut diversi drabi mill-Qrati nostrani illi jekk in-nuqqas lamentat fir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni jista' fil-futur jiġi rimedjat u/jew jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes wieħed mill-elementi meħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat (are per eżempju Odette Tonna et v. Awtorità tal-Artijiet - Prima' Awla - 19/07/2018)).

Din il-Qorti kif presjeduta ma hiex tal-istess fehma tenut kont illi l-artikolu applikabbli għall-mandat ta' inibizzjoni imkien ma jipprovdi illi mandat ta' inibizzjoni ma jistax jinħareġ jekk il-preġudizzju li r-rikorrent ikun qed jitlob li jinżamm milli jseħħ għandu jitħalla jseħħ jekk tali preġudizzju jista' fil-futur jiġi radriżżat b'deċiżżjoni tal-Qorti.

Fil-fehma tal-Qorti Artikolu 873 ma kienx intiż sabiex jeddijiet li *prima facie* jirriżultaw li jeħtieġu kawtela jitħallew jiġu preġudikati għaliex fil-futur il-preġudizzju jista' jiġi indirizzat u rimedjat permezz ta' proċeduri ġudizzjarji separati.

Ikkonsidrat;

L-intimati qed jopponu għall-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni għaliex isostnu illi,

i. Ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika bejn ir-rikorrent u l-intimati stante li ma ġietx segwita l-proċedura relativa għaċ-ċessjonijiet. Jikkontendu illi l-ittra uffiċjali tal-15 ta’ Frar 2022 hija nulla għaliex il-mittenti kien Jeremy Muscat waħdu u mhux ukoll il-kompraturi prospettivi oriġinali.

ii. Meta ġiet ffirmat il-konvenju Emanuel Pace deher f’ismu proprju u għan-nom ta’ martu Alfreda Pace permezz ta’ prokura magħmula circa għaxar snin qabel.

iii. Ġiet iffirmata skrittura parallela li l-konjuġi Pace ma ingħatawx kopja tagħha.

iv. Meta ġie ffirmat il-konvenju Emanuel Pace ma kellux il-fakolta’ mentali li jersaq għal tali att.

L-intimati ppreżentaw kopja ta’ ittri legali mibgħuta lin-Nutar Robert Micallef fejn fost l-oħrajn ġie allegat illi meta ġie ffirmat il-konvenju “l-istess mittenti Emanuel Pace ma kienx fl-aħjar fakolta’ medika xierqa għall-iffirmar ta’ tali ftehim..”

Ikkonsidrat;

Kif rajna aktar qabel, dawn il-proċeduri ma humiex intiżi sabiex jistabbilixxu min mill-partijiet għandu raġun fil-mertu iżda jillimitaw ruħhom f’eżerċizzju għad-determinazzjoni dwar jekk il-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent jimmeritawx protezzjoni bil-mezz ta’ mandat ta’ inibizzjoni fit-termini tal-artikolu 873 tal-Kap. 12.

Fil-fehma tal-Qorti kull waħda mill-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati qed tistieden lill-Qorti tiddeċiedi parti mill-mertu tal-kawża pendenti bejn il-partijiet. Għalkemm f'dawn il-proċeduri ma ġietx ippreżentata kopja tal-eċċezzjoniijiet sollevati mill-intimati fil-kawża fil-mertu; huwa evidenti illi l-eċċezzjonijiet hawn imressqa jifformaw id-difiża li l-intimati resqu fil-kawża.

Jekk kienx meħtieġ ittra uffiċjali kull darba li saret ċessjoni jew inkella jekk il-vot tal-liġi hux sodisfatt billi tiġi ppreżentata ittra uffiċjali waħda fejn jissemmew iċ-ċessjonijiet kollha ma jinnewtralizzax id-dritt tar-rikorrent li pendenti l-kawża minnu intavolata għandu jeddijiet li jeħtieġu protezzjoni.

Huwa evidenti illi jekk jirriżulta fil-kawża li l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma fondati iżda fil-frattemp l-immobli jkun inbiegħ lil terzi, ir-rikorrent ikun ġie gravament preġudikat.

Inoltre, jekk Emanuel Pace kellux il-kapaċita' mentali li jersaq fuq il-konvenju, apparti li l-intimati ma resqu l-ebda prova fir-rigward lanqas sal-livell ta' *prima facie*, ma hiex materja li ser tiġi deċiża fl-atti ta' rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.

Mill-banda l-oħra r-rikorrent wera sodisfaċentement illi huwa deher fuq skrittura fejn ġew lilu assenjati d-drittijiet naxxenti mill-konvenju de quo u wera wkoll illi qabel l-iskadenza tal-konvenju bagħat lis-sidien ittra uffiċjali ai termini tal-artikolu 1357 tal-Kap 16 u intavola l-kawża fit-terminu legali.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tqis illi jirriżultaw l-estremi ai termini tal-Arikolu 873 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti ,

1. Tilqa' definittivament ir-rikors ta' Jeremy Muscat tal-15 ta' Marzu 2022 u tordna l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni kif mitlub.

2. Tordna n-notifiki skond il-liġi.

3, Spejjeż riżervati għas-sentenza fil-mertu fil-kawża ta' bejn il-partijiet.

**Mogħti kameralment illum 25 ta' April 2022.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**